MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Appell Civili Numru. 526/2004/1

**Tony Galea**

**vs**

**Mario Debattista fil-kwalita` tieghu ta’ General Manager tal-Corinthia Jerma Palace Hotel u in rapprezentanza taghha; u b’ digriet tal-11 ta’ Jannar, 2007 giet kjamata in kawza l-kumpanija Corinthia Palace Hotel Company Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta’ Lulju, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) ammont ta’

danni dovuta ghat-telf ta' dhul ta' xahar ta' pre-avviz ghat-terminazzjoni tal-kuntratt tat-13 ta' Settembru, 2000 li permezz tieghu l-attur kien jipprovdi servizz ta' trasport bit-taxi lill-klijenti u lill-impjegati tal-lukanda Corinthia Jerma Palace ta' Marsaskala. It-terminazzjoni sehhet fit-22 ta' Dicembru, 2003. It-telf huwa kkalkolat li jammonta ghal elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500). Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-1 ta' Marzu, 2004 u bl-imghax legali sal-gurnata tal-pagament.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb li l-ebda ammont m'hu dovut mis-socjeta' konvenuta lill-attur. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-kuntratt li ghalih jirreferi l-attur tat-13 ta' Settembru kien gja' ghalaq. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-Risposta ulterjuri tal-konvenut nomine li biha eccepixxa li l-konvenut Mario Debattista mhux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza stante li hu, la f'ismu proprju u lanqas f'isem terzi, qatt ma dahal fl-ebda ftehim ma' l-attur Tony Galea. Inoltre llum Mario Debattista lanqas ma jokkupa l-kariga attribwita lilu fl-Avviz u cjoe' ta' General Manager tal-Corinthia Jerma Palace Hotel, u ghalhekk ma jistax jirrapprezenta l-istess. Ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba kif imposta kontra Mario Debattista fil-kwalita' tieghu ta' General Manager tal-Corinthia Jerma Palace Hotel u in rapprezentanza taghha hija monka stante illi l-Corinthia Jerma Palace Hotel m'hijiex persuna legali u ghalhekk la tista' tkun parti f'xi proceduri u lanqas ma' tista tigi rapprezentata minn xi persuna. Ghaldaqstant it-talba attrici hija insostenibbli fil-ligi u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Illi minghajr pregudizzju ghal dak gja' eccepit kwalunkwe relazzjoni li seta' kien hemm bejn il-kontendenti giet itterminata ghal ragunijiet validi fil-ligi. Illi l-eccipjenti nomine mhux responsabbli ghall-ebda danni li seta' sofra l-attur. Illi inoltre u fi kwalunkwe kaz l-attur ma sofra l-ebda danni minnu pretiz fl-Avviz. Illi ghalhekk it-talba ta' l-attur ghandha tigi michuda.

Ra d-digriet tal-11 ta' Jannar, 2007 li bih giet imsejha fil-kawza l-kumpanija Corinthia Palace Hotel Company Limited.

Ra l-eccezzjonijiet tas-socjeta' msejha fil-kawza li biha eccepiet li preliminarjament it-talba attrici hija preskritta ai termini ta' l-Art. 2156 (f) u 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligi ta' Malta. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit il-kuntratt li fuqu l-attur ibbaza t-talba tieghu ghalaq fl-2001 u ghalhekk ma kienx jorbot lill-partijiet fil-2003 kif jippretendi l-attur.

Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, kwalunkwe relazzjoni li seta' kien hemm bejn il-partijiet giet itterminata ghal ragunijiet validi fil-ligi u ghalhekk l-eccipjenti m'hi responsabbli ghall-ebda danni.

Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju l-attur ma sofra l-ebda mid-danni minnu pretizi fl-Avviz.

Illi ghalhekk it-talba ta' l-attur ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontrih.

Sema' x-xhieda ta' Anthony Galea, Mario Debattista u ta' Luciano Cristina.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.
Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Stephen Farrugia Sacco ghall-attur u ta' Dr Stephania Zerafa ghall-konvenut u ghas-socjeta' msejha fil-kawza.

Ikkunsidra

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur jahdem bhala *taxi driver self-employed* u kien iffirma kuntratt fit-13 ta' Settembru, 2000 mal-Corinthia Jerma Palace Hotel li jinsab a fol 7 tal-process li biha ntrabat illi jipprovdi *taxi services*. Ghan-naha tal-Jerma Palace dan il-kuntratt gie ffirmat minn Luciano Cristina.

Jirrizulta illi sussegwentement beda jmexxi Mario Debattista ghal Corinthia Jerma Palace Hotel u fl-2003 il-partijiet bdew jiddiskutu, ossija jinnegozjaw, kuntratt gdid li l-abbozz tieghu jinsab esebit a fol 50 tal-process. Dan l-abbozz igib id-data tal-5 ta' Dicembru, 2003 u ghalkemm jinsab iffirmat minn Mario Debattista *for and on behalf of Corinthia Jerma Palace Hotel* bix-xhieda ta' Aldo Calleja, m'hemmx il-firma ta' Tony Galea. Jirrizulta wkoll illi effettivament fit-22 ta' Dicembru, 2003 il-lukanda tterminat, ossija waqqfet l-inkarigu li kien inghata lill-attur.

L-attur qieghed isostni illi huwa kellu jinghata xahar *notice* u konsegwentement qieghed jitlob li jithallas is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) li skond hu jirrapprezntaw id-danni li tilef ghal dak ix-xahar li ma kellux *notice*.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-kuntratt tat-13 ta' Settembru, 2000 kien skada izda b'danakollu ma jfissirx li ma kienx hemm relazzjoni guridika bejn il-partijiet u dan billi minkejja li dan il-kuntratt skada, l-partijiet kienu geddew l-istess kuntratt minn sena ghal sena. Gara illi meta dan il-kuntratt ghalaq f'Settembru 2003 bdew isiru negozjati bejn l-attur u Mario Debattista u allura f'dak il-mument ma jistax jinghad li kien hemm tigdid ta' kuntratt ghal sena, izda t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-partijiet baqghu bl-istess sistema li kellhom qabel sakemm jigi ffinalizzat il-kuntratt u ghalhekk kienu qeghdin jassoggettaw it-tigdid ta' l-istess relazzjoni guridika

ghall-firma ta' kuntratt gdid u bhala tali ghalhekk, kwalsijasi rabta guridika tibqa' *in abeyance* sakemm jigi ffirmat dan il-kuntratt. Dan ifisser illi fil-mument li gie tterminat is-servizz ta' l-attur fit-22 ta' Dicembru, 2003 ma kienx hemm rabta kuntrattwali bejn il-partijiet u ghalhekk fuq din il-bazi biss l-attur m'ghandux dritt jippretendi d-danni.

Illi b'danakollu t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-kwistjoni m'hijiex daqshekk semplici u dan billi jidher li l-partijiet kienu qeghdin jiddiskutu bejniethom u jista' jkun il-kaz illi l-attur inghata x'jifhem li l-kuntratt kien ser jiggedded u ghalhekk in mankanza ta' problemi serji u gustifikati da parti tal-lukanda li taghmel dan il-kuntratt, huwa jkun intitolat li jitlob id-danni ekwivalenti ghal spejjez attwali li huwa sofra li wiehed jista' jiddiskrivi bhala *pre-contractual liability*.

Illi huwa evidenti li din il-kawza tirrigwarda danni mitluba mill-attur fuq bazi pre-kuntrattwali. B'referenza ghall-kawza **"Vassallo Builders Limited Vs Reverendu Peter Seracino Inglott nomine"** Citazz numru 513/96 Prim' Awla 02/10/2001, tohrog id-differenza bejn il-kuncett guridiku bejn il-process ghas-sejha ta' l-offerti jew it-*tendering process* u l-appalt. Dawn iz-zewg relazzjonijiet guridici m'humiex l-istess u lanqas identici.

Din id-differenza tohrog aktar netta billi n-nozzjoni ta' danni pre-kuntrattwali m'hijiex rikonoxxuta mis-sistema legali taghna u f'dan ir-rigward tajjeb li wiehed jaghmel referenza ghas-segwenti sentenzi.

**Saviour Fiteni et Vs Louis Mazzitelli et –** Appell Inferjuri Civili 856/99 deciza fit-2 ta' Gunju, 2003:

*"L-appellanti eccepew li ma jezistix il-kuncett ta' pre-contractual liability. Huwa veru li dan il-*

*kuncett ma nsibuhx kodifikat fil-ligijiet taghna, bhalma jezistu f'ligijiet ta' gurisdizzjoni ohra. Eppure din il-materja m'hijiex aljena ghall-Qrati taghna u fil-fatt giet ittrattata proprju f'materja koncernanti weghda ta' lokazzjoni ta' hanut. Dan b'applikazzjoni ta' dawk in-nozzjonijiet tad-dritt traccati fid-decizjonijiet li ghalihom ga' saret referenza. Dan jemergi tant car mill-ezami tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Kummerc, tas-26 ta' Novembru, 1971 fil-kawza fl-ismijiet* ***John Pullen pro et nomine Vs Manfred Gunther Matysik et****".*

Fiha, bhal f'dan il-kaz, jirrizulta vjolazzjoni tal-weghda kontrattata u lezjoni tad-drittijiet ta' l-atturi. Ghal dawk li huma danni, gie rimarkat illi:

*"It is clear that at law these are those flowing from the breach by defendant of his obligation arising from a value agreement de inuendo contractu."*

Fiha wkoll gie affermat il-hsieb ta' l-ewwel Qorti, kwalifikat fis-sens illi:

*"The damage to which the plaintiffs are entitled are, however, to be restricted to the actual losses they incurred up to the time that the negotiations broke down whether they consist in actual expenses incurred or depreciation of material or otherwise <u>but are not to include any profits which they would have derived from the concession of the boutique as in that way they would be benefiting from an obligation which never came into existence."</u>(Sottolinear tat-Tribunal)*

Illi dan il-hsieb gie anki affermat minn din il-Qorti fil-kawza **"Alfred Attard et Vs Paolo Xuereb et proprio et nomine"** Citazz numru 362/95 tat-13 t'Ottubru, 2003 fejn il-hsieb gie aktar amplifikat u tajjeb li wiehed jiccita *expressis verbis* dak li inghad f'dik is-sentenza.

***"Responsabilita pre-kuntrattwali.***

*In kwantu jirrigwarda r-responsabbilita' pre-kuntrattwali jrid jinghad illi l-ezistenza ta' dan il-kuncett fil-ligi Maltija ghadu dubjuz u mhux ben definit. Dan il-kuncett ma giex introdott fil-kodici taghna bhalma sar f'pajjizi ohra bhall-Italja u l-Germanja. Dan il-kuncett gie ezaminat mill-Qrati taghna f'xi kazijiet izda qatt ma ttiehdet pozizzjoni ben definita fir-rigward, anki jekk it-tendenza tidher li kienet aktar li t-tejorija tigi rifjutata stante li ma tappartjenix lis-sistema tad-dritt Malti."*

L-ewwel kaz fejn din il-kwistjoni giet diskussa kien fil-kawza **"Guffrida Vs Borg Olivier"** (05/05/1967) fejn il-Qorti ta' l-Appell ezaminat il-kuncett izda kulma gie stabbilit b'mod definittiv kien li r-responsabbilta' kuntrattwali m'ghandhiex tapplika ghall-Gvern.

Kaz iehor fejn dan il-kuncett gie diskuss kien **"Pullen Vs Matysik"** (26/11/1971) fejn il-Qorti laqghet it-talba ta' l-attur u ddecidiet li l-agir tal-konvenut li kien proprjetarju ta' lukanda u kien dahal fit-trattattivi ma' l-attur rigward il-kiri ta' boutique fi hdan il-lukanda u kwazi wasal fi ftehim, izda sussegwentement ta l-kirja lil terzi, kien jammonta *al culpa ai termini* ta' l-Artikolu 1031 tal-Kap. 16 u li ghalhekk huwa kien responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta' dan l-agir u dan stante li l-Qorti ta' l-Appell irreteniet li l-konvenut f'dak il-kaz kien negligenti jew almenu imprudenti meta huwa assikura lill-atturi li kienu ser jiehdu l-kirja. F'dan il-kaz id-danni llikwidati kienu jinkludu biss l-ispejjez inkorsi u mhux it-telf ta' qliegh.

Fis-sentenza tad-19 ta' Novembru, 1971 "**Cassar Vs Campbell Preston"** min-naha l-ohra, l-Qorti tal-Kummerc irrifjutat ghal kollox il-kuncett ta' responsabbilta' pre-kuntrattwali u rriteniet li d-dottrina ma tiffurmax parti mis-sistema guridika

Maltija u ma tistax tigi accettata ghaliex altrimenti hadd ma jidhol f'negozjati minhabba l-biza li jista' jinstab responsabbli ghad-danni.

Fil-kaz **"Grixti Vs Grech"** (03/04/1998) il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ma laqghetx it-talbiet attrici ghad-danni rizultanti minn responsabbilta' pre-kuntrattwali izda rriteniet li azzjoni simili setghet intlaqghet fejn:

*"Il-parti l-wahda li tkun inkorriet in buona fede certu spejjez, bl-aspettattiva ta' ftehim vinkolanti bejnha u bejn il-parti l-ohra u dik il-parti l-ohra tkun b'kapricc u kwazi b'malafede jekk mhux necessarjament b'ingann jew b'qerq, itterminat in-negozjati fi stadju fejn il-kunsens reciproku tal-partijiet kien identiku dwar il-kundizzjonijiet essenzjali tal-ftehim izda ma sehhx b'konsegwenza ta' dan il-kapricc."*

F'kaz sussegwenti **"Busuttil Vs Muscat nomine"** (28/11/1998) il-Prim' Awla tal-Qorti Civili regghet irrifjutat it-tejorija ta' responsabbilta' pre-kuntrattwali u rriteniet li mhux accettabbli li persuna tigi misjuba responsabbli ghal danni talli ma kkonkludietx ftehim. F'dan il-kaz il-Qorti addirittura qalet li sakemm ftehim jigi ffirmat, kull parti tista' tittermina negozjati minghajr konsegwenzi.

F'kaz iehor aktar recenti "**Frank Portelli nomine Vs Onor. Michael Falzon et"** (18/05/2001) il-Prim' Awla tal-Qorti Civili qalet hekk "min jidhol f'negozjati ma' haddiehor bi hsieb li jikkonkludi kuntratt jista' jallega li kien *unfairly treated* u, quindi, jitlob danni taht id-duttrina ta' *pre-contractual liability"*. F'dan il-kaz, pero', mhux biss it-talba ghad-danni ma saritx, izda, lanqas ma jirrizultaw cirkostanzi ta' qerq da parti ta' l-Awtoritajiet. Biex wiehed jista' jirreklama danni f'dawn ic-cirkostanzi, jrid jipprova terminazzjoni

ingustifikat tan-negozjati li kwazi jekwivali ghal *dolus*; f'dan il-kaz ma jirrizultax.

Illi fil-fehma tal-Qorti sabiex wiehed jista' jirreklama danni rizultanti minn responsabbilta' pre-kuntrattwali, huwa jrid jipprova li t-terminazzjoni jew it-twaqqif ta' negozjati ma kienx gustifikat u li l-agir ta' min waqqaf in-negozjati jrid ikun ekwivalenti ghal *dolus.* **F'dawk ic-cirkostanzi d-danni li ghandhom jigu llikwidati ghandhom ikunu limitati biss ghal spejjez realment inkorsi fil-kors ta' negozjati u konnessi ma' l-istess negozjati u mhux ghall-eventwali telf ta' qliegh."** (enfasi tat-Tribunal)

Illi f'dawn il-proceduri l-konvenut ma gab ebda prova ta' l-ispejjez addizzjonali li huwa inkorra ghalkemm huwa similment tal-fehma illi certu spejjez certament kien hemm. Fid-dawl ta' l-insenjament fuq imsemmi, huwa car illi l-attur m'ghandux dritt ghall-profitti li kien jaghmel kieku l-kuntratt gie ffirmat u galadarba ma kienx hemm pattwit bejn il-partijiet *notice period*, l-attur m'ghandu dritt ghall-ebda kumpens li huwa ekwivalenti ghal-*loss of profits*.

Mix-xhieda ta' Mario Debattista jirrizulta li t-*total income* li l-attur kellu mil-lukanda u l-klijenti taghha kien approssimattivament hames mitt lira Maltin (Lm500) fix-xahar u li ghalhekk l-attur tilef dan l-*income* meta l-kuntratt ma giex imgedded. It-Tribunal huwa tal-fehma illi s-socjeta' konvenuta kienet ilha tavza lill-attur li ma kienetx sodisfatta bis-servizz li kien qed jinghata u dan stante illi l-lukanda kienet qeghda tircievi hafna *complaints* minghand it-turisti u fil-fatt dan kien il-fattur ewlieni ghaliex il-lukanda, ghalkemm kienet uriet dispozizzjoni li tiffirma l-kuntratt, effettivament biddlet il-hsieb. Huwa minnu illi l-lukanda kienet ilha zmien tircievi *complaints* u nonostante dawn il-*complaints,* il-kuntratt baqa' jiggedded minn sena ghal sena, pero' t-Tribunal huwa ferm

> konvint illi hemm limitu ta' kemm wiehed jista' jdum jircievi ilmenti minghajr ma jindirizzhom sodisfacentement ghall-klijenti tieghu u f'dan il-kaz jirrizulta ampjament ipprovat illi l-lukanda kienet ben gustifikata fil-pozizzjoni li hadet. Hija riedet servizz ahjar u kien car illi l-attur kien dara bis-sistema tieghu u li ma kienx dispost li jtejjeb is-servizz li kien qieghed jipprovdi.
>
> Illi raggunti dawn il-konkluzjonijiet fir-rigward tal-mertu, mhux il-kaz li dan it-Tribunal jintilef fl-ezami ta' l-eccezzjonijiet l-ohra sollevata mill-konvenut u mill-kumpanija msejha fil-kawza.
>
> Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjez kollha kontra tieghu.**”**

Kontra din is-sentenza l-attur jipproponi dawn il-motivi ta' aggravji:-

(1) It-Tribunal kien messu laqa' t-talba tieghu ghall-korrezzjoni ta' l-okkju, u precizament, ta' isem il-kumpanija mharrka skond l-Avviz;

(2) It-Tribunal zbalja meta bbaza l-motivazzjonijiet tas-sentenza fuq il-kuncett tal-*pre-contractual liability*, li ma tqajmu minn ebda parti fil-litigju;

(3) Kuntrarjament ghal dak sostenut mit-Tribunal, il-kuntratt tat-13 ta' Settembru, 2000 ma kienx skada ghax dan baqa' jiggedded. Lanqas ma kien gustifikat it-Tribunal jirritjieni illi ghax f' Settembru 2003 bdew isiru negozjati ghal ftehim gdid, il-kuntratt imsemmi kellu jitqies imhassar;

Bl-iskop li tiddisponi mill-ewwel kap ta' aggravju, din il-Qorti assolutament ma tistax tapprezza l-motiv dedott mill-appellanti fil-kontestazzjoni tas-sentenza. Dan ghal zewg ragunijiet. Ibda biex, huwa ma talabx it-thassir jew il-

modifika tad-digriet emanat mit-Tribunal fil-11 ta’ Jannar, 2007 (fol. 91). Fuq kollox, it-Tribunal ma ddegretax kontra l-mitlub. Jidher bic-car mit-talba tar-rikors ta’ l-istess attur, ipprezentat fit-13 ta’ Ottubru 2006, illi dan talab jew il-korrezzjoni ta’ l-att promotur jew il-kjamata in kawza tas-socjeta` “Cortinthia Palace Hotel Company Limited”. It-Tribunal opta ghal din it-talba ta’ l-ahhar. Jikkonsegwi illi dan l-aggravju hu ghal kollox insostenibbli, jekk mhux ukoll fieragh;

Ghall-investigazzjoni ta’ l-aggravji l-ohra, jinhass li jkun opportun illi, qabel xejn, il-Qorti tindirizza ruhha fuq in-natura tar-rapporti guridici kif dawn jirrizultawlha mill-atti processwali. L-attur huwa *taxi-driver* u f’ din il-veste huwa kellu, skond it-termini ta’ l-iskrittura ta’ ftehim tat-13 ta’ Settembru, 2000 (ara kopja a fol. 7), jippresta s-servizzi tieghu lill-lukanda, lill-addetti taghha u lill-persuni akkomodati fiha. Kuntratt bhal dan ma jistax jitqies fattispeci ta’ kuntratt ta’ impjieg subordinat izda wiehed ghal kollox awtonomu raffiguranti *locatio operis*. Proprju, l-Artikolu 1626 (b) Kodici Civili jinkorpora f’ dan il-kuntratt ta’ xoghol u ta’ industrija “dak tal-vetturali li jinkarigaw ruhhom ghall-garr, bl-art jew bil-bahar, ta’ nies jew tal-hwejjeg”. Fuq it-tifsira u l-portata ta’ din id-disposizzjoni kkonsulta ghal dak li jiswa s-sentenza fl-ismijiet “**Giuseppe Dalli -vs- Fortunato Baldacchino**”, Appell Inferjuri, 11 ta’ Jannar, 1958;

Tali kuntratt hu wiehed *di fare* mahsub ghas-sodisfaciment ta’ min ikkummissjona s-servizz tat-trasport. In kwantu tali, dan jiddistingwi ruhu minn dak ta’ kuntratt ordinarju ta’ impjieg in bazi ghall-konsiderazzjoni illi l-prestatur tas-servizz jezercita l-attivita` tieghu b’ mod awtonomu minn min kien hekk jikkummissjonah. L-impjegat, invece, jippresta x-xoghol tieghu, manwali jew intellettwali, fid-dipendenza u skond id-direzzjoni ta’ min ihaddmu. Dan, fil-fehma tal-Qorti, ghandu jqieghed il-vicenda tal-kawza, u l-aktar dak tar-rapport guridiku bejn il-partijiet, fil-kollokazzjoni gusta tieghu, ghal kollox distinta

minn dik ikkoncepita mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell tieghu;

Dan premess, jidher mill-istess kontenut tas-sottomissjonijiet ta' l-appellanti illi dan jikkollega ruhu principalment ghall-klawsola tal-kuntratt ta' ftehim (13 ta' Settembru, 2000) li tipprovdi illi "… *this agreement is for one year and is renewable every year. The Jerma reserves the right to cancel this agreement giving a month notice*". L-appellanti jinterpreta din l-istipulazzjoni fis-sens illi kull 13 ta' Settembru tas-snin sussegwenti l-kuntratt kien qed jigi awtomatikament estiz taht il-kondizzjonijiet prefissi. Konsegwentement, jargomenta, illi la fit-13 ta' Settembru 2003, huwa baqa' jopera, il-kuntratt baqa' veljanti u vinkolanti, avolja f' dak l-istess zmien kienu qed isiru trattattivi konducenti ghall-kuntratt gdid;

Il-Qorti taqbel ma' din il-proposizzjoni u, in effetti, ma thossx li tista' tikkondividi il-motivazzjoni tat-Tribunal illi f' dak il-mument (Settembru 2003) u ghal fatt tan-negozjati, ma kienx hemm tigdid tal-kuntratt imma mera qaghda ta' affari fejn ir-rabta guridika tibqa' sospiza sakemm jigi ffirmat dak il-kuntratt gdid. In vista ta' dan, din il-Qorti lanqas ma tista' taqbel mar-riferiment li t-Tribunal ghamel ghall-kuncett ta' *pre-contractual liability* billi tali ma jiccentra xejn fl-inkwadrament tas-sitwazzjoni guridika reali u effettiva;

Kif taraha din il-Qorti, fuq l-interpretazzjoni taghha tal-problematika in diskussjoni, bl-iskrittura ta' ftehim tat-13 ta' Settembru, 2000, il-kontraenti iffissaw terminu ghall-iskop li jiddelimitaw l-perijodu ta' zmien li fih kellhom jinghataw is-servizzi mill-attur. Tali terminu kien wiehed ta' adempiment li fih l-attur kellu jesegwixxi l-obbligazzjonijiet minnu assunti bil-ftehim bid-diligenza mistennija minn *bonus pater familias*. Kien mahsub li dan it-terminu jigi rinnovat b' mod awtomatiku u bla ebda formalita. Naturalment, anke fil-perijodu imgedded l-attur kien dejjem mistenni li jgib ruhu skond il-mudell tal-missier

tajjeb tal-familja ghax dan, wara kollox, hu l-kriterju generali applikabbli ghall-kuntratti kollha skond l-Artikolu 1132 (1) tal-Kodici Civili;

Affermat dan il-hsieb, jidher mill-premessa klawsola ta' ftehim fuq riportata illi, konvenzjonalment, il-kumpanija kommittenti, b' deroga ghall-principju stabbilit fl-Artikolu 992 (2) Kodici Civili, irrizervat id-dritt li tikkancella unilateralment il-ftehim purke taghti lill-attur terminu ta' preavviz ta' xahar. Ragonevolment, l-assenza ta' dan it-terminu minimu ta' preavviz, u cionostante l-estinzjoni tar-rapport kontrattwali pre-ezistenti, kien jittraduci ruhu f' reklam ghad-danni mill-attur. Dan, s' intendi, dejjem *rebus sic stantibus* fil-kors ordinarju tal-prosegwiment tal-kuntratt ta' ftehim;

Mhux eskluz, pero`, li l-kumpanija kommittenti kellha rimedju iehor oltre r-recess unilaterali mill-ftehim, f' liema kaz dak il-preavviz ma kienx obbligatorju jew influwenti. Dan qed jigi rilevat ghaliex il-poter tal-kancellament mahsub bl-istipulazzjoni ma ghandux jigi konfuz ma' dak tar-rizoluzzjoni tal-ftehim ghal raguni valida u gusta, li giet ukoll sollevata b' eccezzjoni difensjonali kemm mill-konvenut, kif ukoll mill-kumpanija msejha fil-kawza;

Fuq ir-rizultanzi istruttorji din ir-rizoluzzjoni hi implicita fil-posizzjoni assunta mill-appellata bl-ittra taghha tat-22 ta' Dicembru, 2003 (esebita a fol. 37) lill-attur fejn irrinfaccjatu b' *gross misbehaviour* u atteggjament belligeranti. Dan ghal sensiela ta' cirkostanzi li, maghdudin flimkien, jaghtu lok ghat-twaqqif tal-ftehim ghal kawza gusta;

Fuq il-valutazzjoni taghha tal-provi, sew dokumentali u testimonjali, din il-Qorti hi sodisfatta illi kien hemm da parti ta' l-attur atteggjament u kondotta negattiva tali li kienet tintitola lill-appellanti jirrikorru ghar-rimedju tar-rizoluzzjoni tal-ftehim. Minn din l-istess imgieba ghandu jirrizulta

kjarament illi l-attur ma applikax, kif jixraq, dawk il-mezzi u akkorgimenti necessarji fil-konduzzjoni tas-servizzi tieghu ghar-rizultat mixtieq, jew mistenni, mill-appellati. Dan, nonostante, ir-rikjami repetuti li sarulu matul is-snin biex jassumi komportament aktar diligenti. Huwa allura ma setax jippretendi illi, ghal dawk l-inadempjenzi tieghu, huwa kellu jigi premjat billi l-appellati jigu kkundannati jhallsuh l-utili aspettat u pretiz minnu in linea ta' danni. Anke jekk allura ghal konsiderazzjonijiet ben diversi minn dawk tat-Tribunal, din il-Qorti ma ssibx raguni biex titbieghed mill-konkluzjoni fis-sentenza raggunta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma l-konkluzjoni fis-sentenza raggunta, anke jekk ghall-motivazzjonijiet sew distinti minn dawk tat-Tribunal adit. L-ispejjez jibqghu a karigu ta' l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------